32000R0538

14.3.2000 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 65/11

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 538/2000

tat-13 ta' Marzu 2000

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1599/97 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tas-sistema ta' prezzijiet minimi ta' l-importazzjoni ta' ċertu frott artab li joriġina fil-Bulgarija, l-Ungerija, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovakkja, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja u l-Litwanja u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 1226/92 u (KE) Nru 2479/96

Il-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/790/KE tat-18 Mejju 1998 dwar il-konklużjoni ta' Protokoll li jaġġusta aspetti tal-kummerċ tal-Ftehim Ewropew li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn-naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Latvja, minn-naħa l-oħra, sabiex jinghata kont ta' l-Adeżjoni tar-Repubblika tal-Awstrija, r-Repubblika tal-Finlandja u r-Renju ta' l-Isvezja fl-Unjoni Ewropea u l-eżitu tan-negozjati ta' l-Uruguay Round dwar l-agrikoltura, inkluż it-titjib fl-arranġamenti preferenzjali eżistenti [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 2(1) tagħha,

Billi:

(1) Regoli dettaljati għandhom jiġu preskritti għall-applikazzjoni tas-sistema ta' prezzijiet minimi ta' l-importazzjoni għal ċertu frott artab li joriġina fil-Latvja u huwa maħsub għall-ipproċessar kif hemm provdut fil-Protokoll fuq imsemmi li jidħol fis-seħħ fl-1 Marzu 2000 [2]. Is-sistema hija identika għal dik għal ċertu frott artab li jorigina fil-Bulgarija, l-Ungerija, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovakkja, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja u l-Lituwanja, li r-regoli dettaljati għall-applikazzjoni tagħhom huma prekritti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1599/97 [3], kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 2371/1999 [4]. Għall-iskop ta' simplifikazzjoni, ir-regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-arranġamenti ta' importazzjoni imsemmija hawn fuq għandhom jiġu nklużi fl-istess Regolament u għal dak il-għan l-iskop tar-Regolament (EC) Nru 1599/97 għandu jiġi estiż biex ikopri prodotti li joriġinaw fil-Latvja.

(2) Dawn l-arranġamenti ta' l-importazzjoni jissostitwixxu dawk li hemm provdut dwarhom fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1926/96 [5]. Bħala riżultat, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2479/96 [6] li jippreskrivi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tas-sistema ta' prezz minimu ta' l-importazzjoni għal ċertu frott artab li jorigina fil-Latvja u li jistabbilixxi l-prezzijiet minimi ta' l-importazzjoni, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 2371/1999, għandu jitħassar.

(3) Il-komunikazzjoni mill-Istati Membri ta' l-informazzjoni dwar l-importazzjoni mill-Latvja preskritta fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1599/97 tissostitwixxi dik preskritta fir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1226/92 tat-13 Mejju 1992 dwar il-komunikazzjoni mill-Istati Membri lill-Kummissjoni ta' informazzjoni dwar l-importazzjoni ta' ċerti prodotti proċessati minn frott u ħxejjex [7], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 2480/96 [8]. Ir-Regolament (KEE) Nru 1226/92 għandu għalhekk jitħassar.

(4) Il-Protokolli li jaġġustaw jidħlu fis-seħħ fl-1 Marzu 2000 għalhekk dan ir-Regolament għandu jsir japplika minn dik id-data.

(5) Il-miżuri li ghalihom jipprovdi dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Prodotti Ipproċessati minn Frott u Ħxejjex,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 1599/97 huwa emendat kif ġej

(1) It-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1599/97 tat-28 Lulju 1997 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tas-sistema ta' prezzijiet minimi ta'l-importazzjoni ta' ċertu frott artab li joriġina fil-Bulgarija, l-Ungerija, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovakkja, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, l-Latvja u l-Lituwanja".

(2) L-Artikolu 5(4) huwa mħassar;

(3) L-Anness huwa sostitwit bl-Anness li jinsab ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Ir-Regolamenti (KEE) Nru 1226/92 u (KE) Nru 2479/96 huma mħassra.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu japplika mill-1 Marzu 2000.

[1] ĠU L 317, ta' l-10.12.1999, p.1.
[2] ĠU L 29, ta' l-4.2.2000, p.29.
[3] ĠU L 216, tat-8.8.1997, p.63.
[4] ĠU L 286, tad-9.11.1999, p.8.
[5] ĠU L 254, tat-8.10.1996, p.1.
[6] ĠU L 335, ta' l-24.12.1996, p.25.
[7] ĠU L 128, ta' l-14.5.1992, p.18.
[8] ĠU L 335, ta' l-24.12.1996, p.28.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-13 ta' Marzu 2000.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

"ANNESS

Prezzijiet minimi tal-importazzjoni

(EUR 100/kg net)

Kodici NM	Kodici TARIC	Deskrizzjoni	Bulgarija	Ungerija	Polonja	Roma-nija	Slovakkj-a	Repub-blika Ceka	Estonja	Latvja	Litu-wanja
ex 0810 10		Frawli għall-ipproċessar	51,4	–	–	51,4	–	–	51,4	–	–
ex 0810 20 10		Ċawsli għall-ipproċessar	63,1	63,1	63,1	63,1	63,1	63,1	–	–	–
ex 0810 30 10		Żbib iswed għall-ipproċessar	38,5	38,5	38,5	38,5	38,5	38,5	38,5	–	38,5
ex 0810 30 30		Żbib aħmar għall-ipproċessar	23,3	23,3	23,3	23,3	23,3	23,3	23,3	–	–
ex 0811 10 11	0811 10 11 *10	Frawli ffriżat, biz-zokkor miżjud jew aġenti oħra tal-ħlewwa, b'kontenut ta' zokkor li jeċċedi t-13 % skond il-piż, frott sħiħ	–	–	75,0	–	–	–	75,0	75,0	–
	0811 10 11 *90	Frawli ffriżat, biz-zokkor miżjud jew aġenti oħra tal-ħlewwa, b'kontenut ta' zokkor li jeċċedi t-13 % skond il-piż, ieħor	–	–	57,6	–	–	–	57,6	57,6	–
ex 0811 10 19	0811 10 19 *10	Frawli ffriżat, biz-zokkor miżjud jew aġenti oħra tal-ħlewwa, b'kontenut ta' zokkor li ma jeċċedix it-13 % skond il-piż, frott sħiħ	–	–	75,0	–	–	–	75,0	75,0	–
	0811 10 19 *90	Frawli ffriżat, biz-zokkor miżjud jew aġenti oħra tal-ħlewwa, b'kontenut ta' zokkor li jeċċedi t-13 % skond il-piż, frott sħiħ	–	–	57,6	–	–	–	57,6	57,6	–
ex 0811 10 90	0811 10 90 *10	Frawli ffriżat, mingħajr zokkor miżjud jew aġenti oħra ta'ħlewwa, ieħor	75,0	75,0	75,0	75,0	75,0	75,0	75,0	75,0	–
	0811 10 90 *90	Frawli ffriżat, mingħajr zokkor miżjud jew aġenti oħra tal-ħlewwa,	57,6	57,6	57,6	57,6	57,6	57,6	57,6	57,6	–
ex 0811 20 19	0811 20 19 *11	Ċawsli ffriżat, b'zokkor miżjud jew aġenti oħra ta' ħlewwa, b'kontenut ta' zokkor li ma jeċċedix it-13 % skond il-piż, frott sħiħ	–	99,5	99,5	–	99,5	99,5	99,5	–	–
	0811 20 19 *19	Ċawsli ffriżat, b'zokkor miżjud jew aġenti oħra ta' ħlewwa, b'kontenut ta' zokkor li ma jeġedix it-13 % skond il-piż, ieħor	–	79,6	79,6	–	79,6	79,6	79,6	–	–
ex 0811 20 31	0811 20 31 *10	Ċawsli ffriżat, mingħajr żokkor miżjud jew aġenti oħra ta' ħlewwa, frott sħiħ	99,5	99,5	99,5	99,5	99,5	99,5	99,5	–	–
	0811 20 31 *90	Ċawsli ffriżat, mingħajr żokkor miżjud jew aġenti oħra ta' ħlewwa, ieħor	79,6	79,6	79,6	79,6	79,6	79,6	79,6	–	–
ex 0811 20 39	0811 20 39 *10	Żbib iswed, mingħajr zokkor miżjud jew xi aġenti oħra ta' ħlewwa, mingħajr iz-zokk	–	62,8	62,8	62,8	62,8	62,8	62,8	–	–
	0811 20 39 *90	Żbib iswed, mingħajr zokkor miżjud jew xi aġenti oħra ta' ħlewwa, ieħor	–	44,8	44,8	44,8	44,8	44,8	44,8	–	–
ex 0811 20 51	0811 20 51 *10	Żbib aħmar iffriżat, mingħajr zokkor miżjud jew xi aġenti oħra ta' ħlewwa, mingħajr iz-zokk	–	39,0	39,0	–	39,0	39,0	39,0	–	–
	0811 20 51 *90	Żbib aħmar iffriżat, mingħajr zokkor miżjud jew xi aġenti oħra ta' ħlewwa, ieħor	–	29,5	29,5	–	29,5	29,5	29,5	–	–"